***Worksheet* S6.3.1**
Il-pajjiżi protagonisti tat-Tieni Gwerra Dinjija u l-qagħda strateġika ta' Malta

## A: DIN L-ART ĦELWA – F'NOFS TA' BAĦAR

(*kitba ta' Frank Tabone*)

Matul is-sekli kulma seħħ fl-Ewropa tal-Punent kif ukoll tal-Lvant laqat lil pajjiżna. U dan kollu minħabba l-pożizzjoni ġeografika ta' Malta – li qiegħda sewwasew f'nofs il-Baħar Mediterran.

**It-Tieni Gwerra Dinjija (1939-1945)** lanqas ma ħafritha lil Malta. Minħabba l-qagħda strateġika tagħha, Malta sabet ruħha fil-qalba tal-kunflitti bejn l-Alleati (l-Ingliżi u l-Franċiżi) u l-Assi (il-Ġermanja u l-Italja). Il-Maltin kellhom ibatu u jagħmlu sagrifiċċji kbar biex Malta ma ċċedix. Din hija storja ta' tbatija u qtigħ il-qalb, sagrifiċċji ta' kuljum li missirijietna kellhom jgħaddu minnhom taħt xita ta' bombi qerrieda.

## B: MILL-ISTORJA – META S-SEMA DDALLAM (*drama storika – l-ewwel parti*)

Grupp ta' ħamest itfal kienu għal ġita fil-belt ta' Ruma flimkien man-nannu Mario. Meta kienu fi Pjazza Venezja n-nannu qabad jirrakkontalhom dwar ir-rabta li hemm bejn din il-pjazza u Malta.



*Pjazza Venezja ġewwa Ruma*

Klara: Kemm hi kbira din il-pjazza!
Roderick: U xi traffiku hawn! U kemm storbju!
In-nannu: Bir-raġun tfal! Hawn qegħdin fil-qalba tal-belt. Din hija Pjazza Venezja u matul l-istorja, kellha importanza kbira.

| | |
|---|---|
| Francesca: | Veru Nann? U għaliex dan? |
| In-nannu: | Dażgur! U kif! Mela ħarsu ... |
| Caroline: | Nann, dak x'palazz hu, kemm hu kbir u sabiħ! Qatt ma rajt bħalu jien! Dak min jgħix hemmhekk? |
| In-nannu: | Dak għandu x'jaqsam ma' Malta. |
| It-tfal: | Ma' Malta!!! |
| In-nannu: | Ħafna wkoll. Tridu tisimgħu għaliex? |
| It-tfal: | Iva, nann, għidilna għaliex. |
| Klara: | Jidher interessanti ħafna! |
| In-nannu: | Tfal, dak hu palazz importanti ħafna. Fih kien joqgħod il-mexxej Taljan li kien maħbub wisq mit-Taljani. |
| Roderick: | X'kien jismu, nann? |
| In-nannu: | Kien jismu Benito Mussolini. Kien bena u għamel ħafna opri ġodda ġol-Italja u hawn f'Ruma kien maħbub immens minħabba li bena bosta djar ġodda lin-nies foqra. |
| Francesca: | Kellu qalbu tad-deheb mid-dehra, nann? |
| In-nannu: | Sa ċertu punt veru. Iżda mhux għal kollox! |
| Charlene: | U għaliex, nann? |
| In-nannu: | Minn dan il-palazz Benito kien imexxi l-Italja kollha. Kien jikkmanda kollox hu. Kien iħobb joħroġ f'dik il-gallarija u jkellem lill-poplu Taljan li kien joħnoq din il-pjazza li qeghdin fiha. Ma kienx ikun hawn fejn toqgħod labra! In-nies kienu jisimgħuh b'attenzjoni u jagħmlu dak kollu li jgħidilhom hu! |
| Caroline: | U ngħid jien, Malta kif tidħol fl-istorja, nann? |
| In-nannu: | Tfal, eżattament fl-10 ta' Ġunju 1940, Benito Mussolini ħareġ f'dik il-gallarija u għamel messaġġ ikrah, messaġġ ta' gwerra. Kien qal li l-Italja, minn dakinhar kienet daħlet fil-gwerra biex tgħin lill-Ġermanja ta' Hitler. |
| Klara: | Ma, x'biża'! Min jaf kemm beżgħu n-nies! |
| In-nannu: | Hekk hu. Issa ġara li pajjiżna, Malta, dak iż-żmien kienet taħt l-Ingliżi. L-Ingliżi u l-Franċiżi flimkien u wara l-Amerikani, kienu kontra l-egoiżmu sfrenat ta' Hitler u ta' Mussolini li riedu jieħdu l-artijiet ta' ħaddieħor. Għalhekk, għal Mussolini u l-Italja, Malta kienet tfisser għadu minħabba l-Ingliżi. |
| Roderick: | Allura nann, imbagħad it-Taljani ġew jattakkaw lil Malta? |
| In-nannu: | Ġew tabilħaqq ibni! Niftakar sew, qisu lbieraħ! Kienet l-għodwa tal-11 ta' Ġunju 1940 meta t-Taljani, b'numru kbir ta' ajruplani tal-gwerra bdew jitfgħu xita ta' bombi fuq Malta! |



**Wieġeb il-mistoqsijiet.**

1. F'liema belt kienu qegħdin it-tfal u n-nannu Mario?

_______________________________________________

2. F'liema data l-Italja daħlet fit-Tieni Gwerra Dinjija?

_______________________________________________

3. Min kienu l-pajjiżi ħbieb ta' Malta?

_______________________________________________

4. Min kienu l-pajjiżi għedewwa ta' pajjiżna?

_______________________________________________

5. F'liema data saru l-ewwel attakki fuq Malta? U minn min?

_______________________________________________